VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,487, 20 ta' Ottubru, 2015
Taqsima B

A.L. 340 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Higher Diploma in Health Science – H.Dip. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Higher Diploma in Health Science – H.Dip. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa;

"il-Higher Diploma" tfisser il-Higher Diploma in Health Science – H.Dip.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Higher Diploma in Health Science – H.Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti jridu jkunu kisbu l-kretti kollha tal-Kors Preparatorju, relatati speċifikament mal-qasam ta' studju propost fil-Higher Diploma, li jkun mifrux fuq perijodu ta' sena ta' studju *full-time*, immedjatament qabel il-bidu tal-Kors. Jekk sat-tmiem tal-Kors Preparatorju, l-istudenti ma jtemmux b'suċċess it-taqsimiet studju kollha u jiksbu s-60 krettu ECTS, huma ma jkunux jistgħu jidħlu għall-Kors

4. Ir-rekwiżiti għad-dħul u għat-tmiem b'suċċess tal-Kors Preparatorju huma mniżżla fl-Appendiċi I għal dawn l-ordinamenti.

5. L-applikanti li jkunu eliġibbli biex jidħlu fil-Kors skont l-artiklu 8 tal-Appendiċi I għal dawn l-ordinamenti jistgħu jkunu evalwati biex ikun aċċertat li huma kapaċi jsegwu l-qasam ta' studju li għażlu.

It-Tul tal-Kors

6. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' sentejn ta' studju fuq bażi *full-time* segwit wara t-tmiem b'suċċess ta' Kors Preparatorju li jkun mifrux fuq sena.

L-Oqsma ta' Studju

7. Il-Higher Diploma tista' tingħata skont dawn l-ordinamenti fin-Nursing Studies jew fi kwalunkwe qasam ieħor relatat max-Xjenzi tas-Saħħa, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

8. L-oqsma ta' studju offruti f'xi sena partikolari jkunu ppubblikati mill-Bord qabel il-bidu ta' kull Kors.

9. Is-Senat, fuq il-parir tal-Bord, jista' jillimita l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu fil-Kors f'xi qasam jew fl-oqsma ta' studju kollha u għandu japprova ordinamenti dwar l-għażla tal-applikanti għall-Kors fil-qasam/fl-oqsma fejn l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu huwa limitat.

Il-Programm tal-Kors

10. Il-programm ta' studju għal kull qasam ta' studju, li jinkludi taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 120 krettu ECTS, għandu żewġ komponenti distinti, għalkemm interdipendenti: wieħed teoretiku u l-ieħor prattiku/kliniku.

11. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord, bl-approvazzjoni tas-Senat, jista' ikun kostrett jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju għall-qasam ta' studju li huma qed isegwu għall-Higher Diploma, sakemm li l-programmi ta' studju jkunu mfassla skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-Kundizzjonijiet għal Valutazzjoni mill-Ġdid tat-Taqsimiet Studju Prattiċi/ Kliniċi

12. (1) L-istudenti li jeħlu f'taqsima studju ta' prattika klinika jew f'taqsima studju li tinvolvi *placement* prattiku jistgħu jkunu meħtieġa jirrepetu t-taqsima studju matul ix-xhur tas-sajf qabel ma jerġgħu jkunu evalwati, jew jekk jidher li arranġament bħal dan mhux possibbli, jerġgħu jagħmlu t-taqsima studju f'sena żejda ta' studju.

(2) Il-kundizzjonijiet għal valutazzjoni mill-ġdid ta' taqsimiet studju bħal dawn ikunu indikati fid-deskrizzjoni ta' kull taqsima studju li tkun ippubblikata fil-katalgu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

13. (1) L-evaluazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, imwieżna skont il-kriterji li ġejjin:

Marka Medja tal-Ewwel Sena	40%
Marka Medja tat-Tieni Sena	60%.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Higher Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-APPENDIĊI I

Il-Kors Preparatorju

1. Biex jidħlu fil-Kors Preparatorju relatat speċifikament ma' wieħed mill-oqsma ta' studju fil-Higher Diploma msemmija fl-ordinament 3, l-applikanti għandhom jissodisfaw wieħed minn dawn li ġejjin:

Għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015:

(a) għaddew bi Grad 5 jew aħjar fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja f'sitt suġġetti, li jinkludu l-Malti, l-Ilsien Ingliż, il-Matematika, u f'suġġett tax-Xjenza; jew

(b) l-MCAST-BTEC Extended Diploma in Health and Social Care (Health Studies), jew l-ekwivalenti,
sakemm li l-applikanti li jixtiequ jidħlu f'Kors Preparatorju li jwassal għad-dħul fil-kors għall-Higher Diploma bin-Nursing Studies bħala l-qasam ta' studju jistgħu, minflok, jippreżentaw is-Certificate in Nursing Practice mogħti mill-Istitut tal-Health Care, jew is-Certificate of Enrolled Nurse mogħti mid-Dipartiment tas-Saħħa.

Għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara:

(a) għaddew bi Grad 5 jew aħjar fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja f'sitt suġġetti, li jinkludu l-Malti, l-Ilsien Ingliż, il-Matematika, u l-Bioloġija; jew

(b) l-MCAST-BTEC Extended Diploma in Health and Social Care (Health Studies), jew l-ekwivalenti,
sakemm li l-applikanti li jixtiequ jidħlu f'Kors Preparatorju li jwassal għad-dħul fil-kors għall-Higher Diploma bin-Nursing Studies bħala l-qasam ta' studju jistgħu, minflok, jippreżentaw is-Certificate in Nursing Practice mogħti mill-Istitut tal-Health Care, jew is-Certificate of Enrolled Nurse mogħti mid-Dipartiment tas-Saħħa.

2. Barra minn hekk l-applikanti għandu jkollhom mhux inqas minn 18-il sena sa tlett xhur mid-data meta jibda l-Kors Preparatorju.

3. Qabel ma jirreġistraw għall-Kors Preparatorju, l-applikanti eliġibbli huma meħtieġa wkoll jagħmlu test mediku kif mitlub mill-Bord biex jiġi aċċertat li huma kapaċi għad-dmirijiet relatati mal-istudji proposti tagħhom.

4. Il-Kors Preparatorju għandu jikkonsisti f'għadd ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS u li jkun mifrux fuq perijodu ta' sena fuq bażi *full-time*.

VERŻJONI ELETTRONIKA

5. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord, bl-approvazzjoni tas-Senat, jista' ikun kostrett jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju għall-Kors Preparatorju li qed isegwu.

6. L-istudenti jkunu kkunsidrati li temmew b'suċċess il-Kors Preparatorju jekk jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju u jiksbu marka globali ta' 55%.

7. Il-provvedimenti għall-valutazzjoni, għall-progress u għat-tmiem b'suċċess tal-Kors Preparatorju, u xi provvedimenti oħra mhux imniżżla f'din l-Appendiċi għal dawn l-ordinamenti jkunu dawk stipulati fir-Regolamenti Prinċipali u għandhom japplikaw *mutatis mutandis.*